Dwar il-problema tal-immigrazzjoni illegali hawn hafna li jithaddtu u jitkellmu; izda ftit ghandhom is-sens komun li jiddiskutu dan is-suggett b`certa oggettivita`; hawn dawk li dejjem joffru soluzzjonijiet semplici; thalluhomx jidhlu, ibaghtuhom lura mal-ewwel; ghidu lill-pajjizi l-ohra jehdulna r-rifugjati taghna; ma jaghmlux distinzjoni bejn dawk li huma genwinament rifugjati u dawk li huma klandestini; u imbaghad fuq l-estrem l-iehor hemm dawk li ghalihom kollox semplici fis-sens oppost; itilquhom mal-ewwel; mhux sewwa li zzommuhom f`detenzjoni u hwejjeg simili.

Il-verita` hi li dal-pajjiz ghamel hafna (meqjusin fatturi bhad-daqs tieghu u l-limitazzjonijiet tieghu) mal-persuni li haqqhom protezzjoni. Kien dan il-Gvern illi introduca ligi dwar ir-rifugjati, tahom d-dritt li jahdmu f`Malta, dokument ta`l-ivvjaggar, dritt ghar-```relief`` u protezzjonijiet ohra inkluz id-dritt li jirrisjedi f`Malta.

Il-problema ta`l-immigrazzjoni izda latqtet lil-Malta b`sahhitha wisq b`mod illi kull darba illi il-problema tigi kontrollata b`rilaxxji  u deportazzjonijiet terga` tigi mewga ohra ta` immigranti.  Issa jekk hawn xi hadd li jahseb illi xi pajjiz iehor Ewropew jew mhux sejjer jaghmlilna il-pjacir illi jehdilna il-klandestini taghna, nahseb illi jilludi ruhu bl-ikrah. Izda pajjizna ma jistax ikun illi jibqa` wahdu f`dil-problema. U hafna mill-organizazzjonijiet internazzjonali li jigu hawn u jitkazaw ghaliex inzommu lill-immigranti li jidhlu f``Malta illegalment maqfulin iridu jifhmu illi ahna l-izghar pajjiz fl-Ewropa u l-iktar wiehed popolat ghad-daqs taghna . Meta tidhol dghajsa ta` 30 ruh qishom dahlu 3000 fl-Italja; meta tidhol dghajsa Pantelleria jew Lampedusa is-soluzzjoni hi semplici: ighabbuhom fuq ajruplan u jehduhom Sqallija; ahna ma ghandniex dan il-lussu. Irridu nzommuhom hawn.

Minkejja l-emergenza bhala Gvern hadna hsieb illi ntaffu l-effetti tad-detenzjoni; tfal u il-genituri taghhom u persuni vulnerabbli ohra bdew jigu rilaxxjati wara ftit gimghat; dahhalna ir-regola li hadd, ghal kwalunkwe raguni ma jibqa` iktar minn18-il xahar f`detenzjoni. Se ndahhlu dalwaqt fis-sehh il-ligi illi biha kull persuna detenuta taht il-ligi ta` l-immigrazzjoni tkun tista` titlob lill-Bord ta` l-Appell li tinheles taht plegg jekk jidhrilha illi il-perjodu tad-detenzjoni taghha ma ghadux ragjonevoli.

Izda meta jigu hafna immigranti f`salt hadd ma jista` jippretendi illi il-kondizzjonijiet ikunu bhala dawk ta` lukanda u l-ipokresija hija illi dawk li jhambqu dwar kondizzjonijiet ahjar ftit li xejn joffru huma akkomodazzjoni ohra jew soluzzjonijiet; lanqas joffru akkomodazzjoni lil dawk illi huma rilaxxjati, ahseb u ara lil dawk li ghadhom f`detenzjoni. U meta jigu hafna l-istrutturi ,tajbin kemm huma tajbin, kemm dawk ta` akkomodazzjoni, kif ukoll l-isutrutturi tal-ipprocessar tal-appikazzjonijet ovvjament jahdmu b`diffikolta`kbira

Il-politika ta` detenzjoni ghandha tinzamm ghal diversi ragunijiet; pajjizna ma jiflahx illi kull mewga ta` klandestini  tkun tfisser  li nirrilaxxjawhom; la ghandna fejn inpogguhom; la ghandna xoghol ghalihom; u haga bhal din twassal ghal kaos u konfuzjoni shiha; id-detenzjoni tippermetti l-awtoritajiet illi sakemm tigi stabbilita l-identita` u l-istatus  tal-persuni detenuti, ir-rilaxx jista jsir b`mod ordinat ; u sadanittant taghti lill -awtoritajiet l-opportunita`  illi jppreparaw id-dokumenti sabiex dawk illi ma haqqhomx li jibqghu hawn

jigu diportati u mhux jithallew jigru ma` ohrajn li haqqhom protezzjoni; inkella ma jkun hemm ebda differenza bejn rifugjati u klandestini.

Jiena wiehed min dawk li dejjem iggelidt kontra il-vjolenza tigi minn fejn tigi; dejjem emmint illi il-forzi ta` l-ordni iridu jimxu skond l-etika u regoli fissi anki jekk jitqiesu bhala sikkatura. Kien ghalhekk illi il-Prim Ministru gustament waqqaf inkjesta minn imhallef sabiex l-incidenti ta `nhar il-Hamis jistghu jigu studjati bir-reqqa biex wiehed jara jekk il-forza li ntuzat kenitx proporzjonata ghat-theddida li kien hemm. Iz-zewg affarijiet huma veri; il-forza tista` tintuza kontra min ikun qed jikser ir-regola ta` centri ta` detenzjoni il-forza uzata trid tkun prorpozjonata mat-theddida li jkun hemm; iz-zewg affarijiet ma humiex kontra xulxin.

Il-Gvern mexa bir-raguni mhux bl-emozzjoni f`dil-kwestjoni. Ordna inkjesta u ma laghabx ghall-gallerija. Mexa b`mod serju ; il-gudizzju ma hadux f`idejh hu izda iddelegah lil persuna indipendenti li tista` fis-serenita`tasal ghal-gudizzju taghha; u il-Gvern jimxi skond il-konkluzjonijiet tal-Inkjesta.

Izda l-incidenti ta` nhar il-Hamis ma ghandhomx itappnu il-kwestjonijiet l-ohra; inkluza l-importanza tal-politika ta` detenzjoni, li wiehed jimxi b`ghaqal f`dil-problema u cioe` generuzi ma` min haqqu protezzjoni izda ebsin ma` min dik il-protezzjoni ma haqqux. Ma jistax ikun ghax xi hadd li jkun tilef il-kaz tieghu quddeim l-organi Maltin jipperetendi li ghax jipprotesta jibqa` hawn.

Ghamlet tajjeb it-Times li appellat sabiex Malta tiricievi ghajnuna minn istituzzjonijiet internazzjonali; il-UNHCR tista` taghmel hafna f`dar-rigward kemm sabiex taghmel pressjoni, kif qal is-Sur Manca di Nissa sabiex il-piz jinqasam kemm jista` jkun fost il-pajjizi Ewropej u mhux ihalli il-pajjizi fil-periferija ibatu wahedhom; tista` per esempju l-UNHCR terga` tibda taghti l-ghajnuna lir-rifugjati li gew Malta qabel ma dahlet fis-sehh il-ligi tar-rifugjati f`Ottubru 2001.

Ghalhekk huwa tajjeb illi dawk li jiehdu sehem fid-dibattitu dwar l-immigrazzjoni ikunu konxji ukoll mir-resposnabbiltijiet li ghandu kulhadd mhux biss il-Gvern. Il-Gvern wahdu dil-problema ma jistax isolviha; irid ikun hemm il-ko-operazzjoni ta` kulhadd Knisja, ghaqdiet u volontarjat sabiex apparti li nikkritikaw nahdmu ukoll sabiex intaffu l-effetti tal-problema f`pajjizna.

Tonio Borg 16.1.05